MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2011

Talba Numru. 549/2010

**Falcom Limited (C-7839)**
**vs**
**K.I. Limited (C-6293)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' elfejn mitejn u dsatax-il ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€2,219.24) rapprezentanti bilanc minn somma akbar prezz ta' merkanzija u servizz.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 25 ta' Jannar, 2010 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentant kontewstwalment u bl-imghax skont il-ligi sad-data tal-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn intqal illi t-talba attrici, jew almenu parti minnha, hija preskritta a tenur tal-

artiklu 2148(b) tal-istess kodici civili u 2156(f) ta' l-istess Kodici Civili.

Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, s-socjeta' attrici ghandha tipprova kif hija kreditrici tal-eccipjenti fl-ammont mitlub minnha f'din il-kawza.

Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' eccipjenti, s-socjeta' attrici trid tipprova l-konsenja tal-merkanzija allegatament mibjugha lill-eccipjenti u tipprova ukoll il-provvista tas-servizzi allegatament rezi minnha.

It-Tribunal ra d-dokumenti pprezentati in atti u beda jisma' l-provi.  Ra li nghalqu l-provi attrici u fil-mori tal-provi tas-socjeta' konvenuta, senjatament fis-seduta tad-9 ta' Mejju, 2011, l-avukat difensur tas-socjeta' konvenuta ipprezenta nota t'ammissjoni tat-talba.

Illi in vista tal-ammissjoni min-naha tas-socjeta' konvenuta, t-Tribunal huwa sodisfatt illi s-socjeta' attrici ppruvat it-talba taghha fil-konfront tas-socjeta' konvenuta.

Ghadaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-Ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------